Joseph M. Gouder *noe*

*versus*

George Sammut *noe*

## Transazzjoni – Sentenza Mogħtija fuq it-Termini tat-Transazzjoni – Ekwità – Ordni Pubbliku

*Il-Qorti affermat il-prinċipju illi la darba t-transazzjoni tidħol fit-termini tad-domanda taċ-Ċitazzjoni u ma hemm xejn kontra l-ekwità jew kontra xi prinċipju inderogabbli ta' l-ordni pubbliku, ma hemm ebda diffikultà li tiġi mogħtija deċiżjoni konformement għat-transazzjoni hekk milħuqa.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi s-soċjetà attriċi għandha tieħu mingħand il-konvenuti *nomine* s-somma ta' ħamsa u sebgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm75.50) prezz ta' riklami magħmula fuq ordni tal-konvenuti *nomine* (Dok. A);

U peress illi l-konvenuti *nomine* m'għandhom ebda eċċezzjoni x'jagħmlu għat-talba tal-pagament;

L-atturi *nomine* talbu lill-konvenuti *nomine* jgħidu – prevja d-dispensa tas-smigħ tal-kawża *in vista* tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur Joseph M. Gouder (Dok. B) u a terminu ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili – għaliex m'għandhomx ikunu kkundannati minn dik il-Qorti jħallsu lill-atturi *nomine* s-somma ta' ħamsa u sebgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm75.50) bħala prezz ta' riklami magħmula mis-soċjetà attriċi fuq ordni tal-konvenuti *nomine;*

Bl-ispejjeż inklużа dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Marzu, 1985, u tas-sekwestru Numru 2052/85 tal-11 ta' Novembru, 1985, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-ewwel ittra interpellatorja kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Jannar, 1986, li ddeċidiet adeżivament għall-istanza billi kkundannat lill-konvenuti George Sammut u Anthony Agius *nomine* jħallsu lill-atturi *et nomine* s-somma ta' Lm75.50, għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż u bl-imgħax mitlub, u dan fil-kontumaċja tal-konvenuti u wara li kkunsidrat li mid-dikjarazzjoni ġuramentata ta' "l-attur *et nomine*" t-talba ta' "l-attur *et nomine*" tirriżulta ġustifikata;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti '*nomine*' u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu lil din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenza tat-13 ta' Jannar, 1986, billi tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Kummerċ u tawtorizzahom jippreżentaw nota ta' l-eċċezzjonijiet sabiex jikkontestaw il-kawża u l-kawża tieħu l-kors normali tagħha, u sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet ta' l-atturi '*nomine*' – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu, 1987, minn fejn jirriżulta illi Dr. G. Aquilina għall-atturi appellati ddikjara li jaqbel mad-domandi kkontenuti fil-petizzjoni tal-konvenuti u li tingħata sentenza fis-sens ta' dan il-verbal, ma' liema dikjarazzjoni jaqbel ukoll Dr. Philip Sciberras għall-konvenuti appellanti. Id-difensuri tal-partijiet qablu wkoll li l-ispejjeż ta' l-ewwel u tat-tieni istanza jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet;

Ikkunsidrat:

Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Ottubru, 1882, *in re* "Farrugia *utrinque*", iċċitata b'approvazzjoni fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Diċembru, 1935 *in re* "Camilleri vs Zerafa" (Vol. XXIX.II.827) u f'deċiżjonijiet oħra: "*Quando i litiganti convegono tra di loro sulla decisione da darsi, nulla osta a che il giudicante pronunzi una sentenza in conformità*", u dan għab-bażi tal-prinċipju tad-Dritt Ruman illi: "*si convenerit inter litigatores quid pronuncietur, non abs re erit, judicem hujusmodi sententiam proferre*". Anke fis-sentenza tas-17 ta' April, 1959, *in re* "Anthony Grech *et vs* Joseph Mintoff", din il-Qorti rriteniet illi: "ġà la darba t-transazzjoni tidħol fit-termini tad-domanda u ma hemm xejn fiha kontra l-ekwità jew kontra xi prinċipju inderogabbli ta' ordni pubbliku, ma hemm ebda diffikultà li tiġi mogħtija deċiżjoni konformement għat-transazzjoni hekk raġġunta";

Fil-każ in eżami, fid-domandi kkontenuti fil-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuti '*nomine*' ma hemm xejn kontra xi prinċipju ta' ordni pubbliku, u barra minn hekk in-nuqqasijiet lamentati fl-istess petizzjoni jirriżultaw wkoll mill-atti tal-proċess;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, u fis-sens ta' l-imsemmi verbal tal-25 ta' Marzu, 1987, tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-attijiet tal-kawża jiġu rrinvjati lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex il-konvenuti '*nomine*' jippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet fit-terminu li jiġi lilhom prefiss minn dik il-Qorti u l-kawża titkompla u tiġi deċiża skond il-liġi fil-kors normali tagħha. L-ispejjeż kollha ta' l-ewwel istanza u ta' din l-istanza, in konformità mal-verbal imsemmi, jiġu ssopportati kwantu għal nofs mill-atturi '*nomine*' u nofs mill-konvenuti '*nomine*'.